MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 23/2009

**Stephen Psaila**

**vs**

**Crosscraft Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta’ Ottubru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-26 ta' Dicembru, 2008 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u erba' ewro u tnejn u tmenin centezmi (€104.82) rapprezentanti prezz ta' zewg settijiet 'stainless steel cutlery' illi kienu difettuzi.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tar-rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti ssottometta illi huwa xtara zewg (2) settijiet ta' 'cutlery' ghal sitta min-nies kull wiehed u li fuq il-kaxex tas-settijiet hemm miktub illi l-materjal huma 'stainless steel 18/10' u li dan ifisser illi l-kwalita' hija gholja hafna u rezistenti ghas-sadid. Is-settijiet huma koperti b'garanzija ta' hamsa u ghoxrin (25) sena.

Ir-rikorrenti ssottometta illi wara xahrejn erba' skieken u kuccarina bdew isaddu tant li sahansitra l-materjal thaffer. Meta ressaq l-ilment tieghu ghand l-intimat dan, min-naha tieghu, irrispondieh illi dik hija xi haga normali.

Ir-rikorrenti finalment ssottometta illi minkejja li fuq il-kaxxa hemm miktub illi l-prodott huwa '18/10 stainless steel' fil-fatt ma huwiex kollu '18/10 stainless steel' u ghalhekk huwa kien gie mqarraq.

L-intimat issottometta illi l-materjal li minnu huma maghmulin is-settijiet tal-'cutlery' tar-rikorrenti huma 'stainless steel 18/10' minbarra l-'blades' tas-skieken. Dawn jigu maghmulin minn materjal iehor apposta biex jaqta' u li jigi applikat ghax-xafra tas-sikkina. Tmur kontra s-sengha kieku s-sikkina tkun maghmula kollha minn '18/10 stainless steel' ghaliex tigi ma taqtax u bla uzu.

L-intimat issottometta illi huwa l-kompitu tar-rikorrenti illi jiehu hsieb il-prodott u jaghmel il-

manutenzjoni necessarja sabiex kimici aggressivi li jinsabu fis-sapun u anke l-ikel ma jaffettwax il-prodott.

L-intimat finalment issottometta illi huma biss settijiet inferjuri hafna li huma maghmula minn mija fil-mija '18/10 stainless steel' u dan ghaliex minkejja illi jkunu aktar rezistenti ghas-sadid ma jaqdux il-funzjoni proprja ta' sikkina. Il-kumpanija tikteb '18/10 stainless steel' fuq il-kaxxa ghaliex meta jkun hemm percentwali kbir ta' prodott li huwa '18/10 stainless steel', allura internazzjonalment ghandek dritt tiddikjara illi l-prodott huwa hekk.

It-Tribunal ezamina r-ritratti prodotti mir-rikorrenti kif ukoll ra l-kundizzjoni tal-handles tas-skiken in kwisjoni.

It-Tribunal jinnota illi :-

Ir-rikorrenti xtara zewg settijiet ta' 'stainless steel 18/10 cutlery' izda wara xahrejn fuq erba' skieken u fuq kuccarina dehru xi marki tas-sadid. Ir-rikorrenti ressaq l-ilment tieghu ghand l-intimat li min-naha tieghu nfurmah li dan it-tip ta' sadid huwa xi haga normali u tista' tigri anke fuq tip ta' 'stainless steel 18/10'.

It-Tribunal jinnota illi filwaqt li r-rikorrenti nsista illi huwa xtara 'cutlery' illi kellu jkun kollu ta' materjal 'stainless steel 18/10', l-intimat min-naha l-ohra bbaza l-argumenti tieghu kollha fuq il-kwalita' ta' 'stainless steel' illi ghandu jintuza sabiex tinhadem ix-xafra tas-sikkina u dan sabiex din tkun taqta' u x-xafra sservi izjed.

It-Tribunal jinnota illi l-qofol tal-kwistjoni ma hijiex relatata max-xafra tas-sikkina izda mal-manku taghha illi allura kellu jkun purament 'stainless steel 18/10'. 'Stainless steel 18/10' jinhadem billi jithallat tmintax fil-mija (18%) Chrome u ghaxra fil-

mija (10%) Nickel mal-'basic carbon steel'. Dan isir ghaliex il-Chrome meta mhallat mal-ghazzar jaghmel 'stainless steel' li jkun rezistenti ghal 'impurities' li jinsabu fl-ilma kif ukoll ghal xi tbajja ohra. In-Nickel jintuza fit-tahlita sabiex jaghmel il-materjal rezistenti ghal tipi ta' actu bhal ma huma l-hall u l-meraq tal-lumi.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal, wara li kkonsidra hawn fuq, u wara li ra illi z-zewg settijiet tal-'cutlery' illi xtara r-rikorrenti kellhom ikunu ta' materjal 'stainless steel 18/10', u li minkejja illi huwa kopert b'garanzija ta' hamsa u ghoxrin (25) sena mhux biss ittebbghu wara ftit xhur izda sahansitra ippittjaw, jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u erba' ewro u tnejn u tmenin centezmi (€104.82), bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess intimat, b'dan illi z-zewg settijiet tal-'cutlery' jsiru propjeta' tal-intimat wara li jkun sar il-hlas.”

L-aggravji fl-appell intavolat mis-socjeta` intimata huma dawn:-

1. It-Tribunal qatt ma seta’ jasal ghall-konkluzjoni illi l-materjal li minnu hu maghmul il-*cutlery set* vendut mhux *stainless steel 18/10* minghajr ma jaghmel analisi xjentifika bl-operat ta’ espert metallurgista;
2. Gie lez lilha l-principju ta’ gustizzja ta’ smigh xieraq ghaliex ma thallietx tressaq provi xjentifici u ma ntlaqghatx it-talba taghha ghan-nomina ta’ espert tekniku;
3. Id-decizjoni ppregudikat b’mod gravi l-jeddijiet taghha;

L-ewwel zewg motivi ta’ aggravju jistghu jigu konsiderati flimkien anke ghaliex jikkoncernaw l-istess punt kontrovertit dwar jekk it-Tribunal ghamlex sewwa li ma hatarx espert kwalifikat biex qabel ma jghaddi ghal

gudizzju jkollu opinjoni teknika valutativa attinenti ghall-materja in diskussjoni;

Huwa validament opportun illi l-Qorti taghmel rijassunt ta' din il-problematika kif din tinzel mil-ligi u mill-gurisprudenza affermata:-

(1) Primarjament, bhal fil-kaz tal-hatra ta' periti addizzjonali taht il-Kodici ritwali (Artikolu 674), in-nomina ta' perit mit-Tribunal adit hi dejjem fakoltativa u mhux obbligatorja ghat-Tribunal. *Multo magis*, imbaghad, dan jircievi aktar forza meta, kif dettat mill-Artikolu 23 (2) (c), l-arbitru "ghandu jiddezisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti teknici sabiex jaghtu l-parir espert taghhom";

(2) Jikonsegwi b'osservazzjoni minn dan illi hu dejjem imholli fil-gudizzju diskrezzjonali ta' l-arbitru dwar jekk il-mertu tal-kaz quddiemu jirrikjedix is-sostenn ta' l-accertament u ta' l-evalwazzjoni minn konsulent tekniku. Ara "**Rene` Savona Ventura -vs- Crosscraft Limited**", Appell Inferjuri, 22 ta' Marzu, 2006;

(3) Hatra bhal din tista' tkun indikattiva meta "tirrizulta mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u specjalment meta jkun hemm ragunijiet teknici li ghalihom il-gudikant ikun estraneju ghal kollox" ("**Gorg Bugeja -vs- Carmelo Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili, 13 ta' Marzu, 1953.) Ara wkoll "**Michel'Angelo Mallia *et* -vs- Constantino Micallef**", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Novembru, 1911) jew, kif ukoll imfisser, "jekk il-fatti tal-kawza jkunu tali li ma jkunx jista', bl-apprezzament tal-bniedem komuni u fil-limiti tal-konoxxenza tal-materja teknika li jista' jkollu l-bniedem ordinarju, jasal biex jifforma opinjoni fuq bazi ta' ekwita` dwar il-gustizzja tat-talba ta' l-applikant" ("**Carmen Borg (Abela) -vs- Ronald A. Cachia (Phoenicia Laundry and Dry Cleaning)**", Appell Inferjuri, 5 ta' Ottubru, 1998). Ara fl-istess sens "**Jesmond Spiteri *et* -vs- Cutajar Ltd**", Appell Inferjuri, 31 ta' Ottubru, 2007;

Kif ghandu jirrizulta, din il-Qorti, kif presjeduta, ma zammetx lura milli ticcensura lit-Tribunal li ma hatarx espert ghall-ahjar gwida teknika ta' xi punt ikkontestat, fejn il-kaz kien hekk jissuggerixxi dik is-soluzzjoni. Ara b'ezemplari "**Paul Cutajar -vs- Bugeja Marbles Ltd**", 5 ta' April, 2006. Fl-istess waqt ukoll, dejjem din l-istess Qorti ma qaghdetx lura milli tirrileva illi fejn il-parti citata tkun accettat l-ezistenza tad-difetti, dik l-accettazzjoni minnha nfisha kienet tirrendi superfluwa kull talba ghall-hatra ta' espert tekniku. Ara "**Dr. Massimo Vella *et* -vs- V. Petroni (Imports) Ltd**", 28 ta' Novembru, 2007;

Premess dan, fil-kaz in ispecje huwa sinjifikattiv li jigi l-ewwelnett osservat illi mill-atti ma jirrizultax illi s-socjeta` appellanti ressqet talba formali ghan-nomina ta' espert tekniku u li din giet mit-Tribunal rifjutata lilha. Fit-tieni lok, u ankorke tressqet domanda f'dan is-sens, din il-Qorti, xorta wahda, hi tal-fehma illi ma kienx hemm, fil-fattispeci, raguni qawwija li kienet tissuggerixxi l-adezjoni mit-Tribunal ta' dak ir-rimedju. Dan ghaliex, kif wisq korrettement sottomess mill-appellat fir-risposta ta' l-appell, is-socjeta` appellanti kienet hi stess accettat illi x-xafra (*recte:* il-manku) tas-skieken ma kienetx tikkorrispondi ghal dak indikat fuq il-kaxxa tas-sett, u cjoe "*stainless steel 18/10*" (ara r-Risposta ta' l-istess socjeta` appellanti ghall-Avviz tat-Talba tar-rikorrenti appellat). Certament, qaghda bhal din ma kienetx tissuggerixxi l-adozzjoni ta' dik l-opportunita` evalwattiva minn xi espert kwalifikat ghar-rizoluzzjoni tal-kontroversja. Taht dan il-profil l-ewwel zewg aggravji qed jitqiesu ghal kollox insostenibbli;

Skartat il-punt illi l-kaz kien jirrikjedi xi verifika jew konvalida minn opinjoni esperta, huwa, fil-hsieb tal-Qorti, distingwibbli illi l-vera obbjezzjoni tas-socjeta` appellanti fil-kontestazzjoni tas-sentenza appellata li trid tigi ezaminata tikkonsisti fl-istharig dwar jekk id-decizjoni tat-Tribunal illedithiex "b'mod gravi l-jeddijiet taghha" [Artikolu 22(2), Kapitolu 378];

Issa apparti l-konsiderazzjoni illi skond l-istess vot ta' dak l-Artikolu, in-ness ta' dak il-pregudizzju hu kollegat ma' ksur tad-dettami ta' gustizzja naturali, li hawnhekk ma huwiex il-kaz, il-"gustizzja sostantiva" u l-"ekwita`", skond liema ried jigi deciz il-mertu [Artikolu 21 (1) tal-Kapitolu 378], kellhom jippreztaw attenzjoni u, anzi, jiffokaw fuq id-dikjarazzjoni ta' principji li jharsu d-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi, kif artikolati fl-Artikolu 43 *et sequitur* ta' l-Att, kompriz li dawn jkunu protetti minn riklami qarrieqa (Artikolu 48). Proprju, id-dixxiplina generali li tinzel mill-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur hi dik fejn il-ligi taffida lit-Tribunal, imwaqqaf tahtu, bil-kompitu li, fil-kontrattazzjonijiet konkjuzi bejn il-kummercjant u l-konsumatur, jezercita l-kontroll okkorrenti ghat-tutela tal-konsumatur. Dan jidher li hu r-*ratio* rikorrenti ta' l-Att f'bosta mid-disposizzjonijiet tieghu bl-evokazzjoni tal-kuntrast li jaghmel bejn il-kondotta tal-kummercjant u l-esigenza ta' dik il-bwona fede bhala kriterju interpretattiv essenzjali ghall-eliminazzjoni ta' kull skwilibriju fir-rapport mal-konsumatur;

Hekk ad ezempju l-Att ma jikkondonax l-espressjoni ta' fehma tas-socjeta` appellanti *qua* kummercjanti illi hu internazzjonalment accettabbli illi fejn fi prodott ikollok percentwali gholi ta' certa komposizzjoni (f'dan il-kaz *18/10 stainless steel*) hu permissibbli li tirreklamah bhala tali. Mhux biss din il-prattika mhix in armonija ma' l-ispirtu ta' l-Att, izda, addirittura, fil-massimu, l-Att jissanzjonaha billi jghollha ghal-livell ta' reat [Artikolu 48 (2)] u, fil-minimu, jikkwalifikaha bhala prattika mhux gusta (Artikolu 44);

Thares minn fejn thares lejha, sew ghall-assenza tal-vjolazzjoni tal-principju *audi alteram partem*, sew ukoll mill-ottika tal-principji legali dixxiplinati mill-att, l-asserzjoni tas-socjeta` appellanti illi hi giet pregudikata b'mod gravi fil-jeddijiet taghha ma hijiex denja ta' akkoljiment.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------